MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 150/1997/1

Lawrence u Mary Rose konjugi Zammit Haber .

vs

Joseph Formosa .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-atturi konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fi Triq Dun Karm Galea, Ghasri, Ghawdex, bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittri IAV-118 misjuqa minnek konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittri IAB-371 misjuqa minn l-attur Lawrence Zammit Haber, liema incident gara unikament

minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut .

Ghal fini ta’ kompetenza jigi ddikjarat illi l-valur tad-danni mertu ta’ din il-kawza ma jaccedix il-hames mitt lira Maltija (LM500) .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittri interpellatorji mibghuta fit-3 ta’ Ottubru 1997 u fit-28 ta’ Ottubru 1997 u tal-ittra ufficjali spedita f’Ottubru 1997 u dik ipprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz u mibghuta lill-assikurazzjoni tieghek . Bl-imghaxijiet mid-data tal-incident sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni debitament ingunt .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-incident riferit minn l-atturi fl-avviz tieghu gara unikament minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur Lawrence Zammit Haber u l-konvenut ma ghandu l-ebda htija ghal dan l-incident .

2. Illi ghalhekk din il-kawza ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet bejn zewg *pick-up trucks* misjuqin rispettivament mill-attur u l-konvenut f’direzzjoni opposta fit-triq ewlenija li tiehu ghall-pjazza ta’ l-Ghasri . L-attur kien qed isuq fid-direzzjoni tal-pjazza, filwaqt illi l-konvenut kien gej mill-pjazza u hiereg lejn ir-Rabat .

L-attur ta s-segwenti verzjoni ta’ l-incident :

"….. *Kont sejjer fid-direzzjoni tal-Knisja ta' l-Ghasri . Il-hin kien ghall-habta tad-disgha ta' filghodu . Kont miexi bi speed ta' mhux iktar minn ghoxrin mil fis-siegha .*

*Qbizt id-dahla fuq il-lemin li taghti ghal go Dalelands Street u meta wasalt qrib sqaq li jaghti ghal xi djar fuq il-lemin smajt hoss ta' vettura gejja fid-direzzjoni tieghi bi speed qawwi . Kont pront rbatt il-brake u f'daqqa wahda sibt truck iehor pick-up gej lejja . Ghal mument kemm kemm messejt il-brake u kif irrejalizzajt li kienet gejja vettura ohra fid-direzzjoni tieghi rbatt il-brake . Jiena iggennibt kemm stajt billi fuq ix-xellug tieghi kien hemm vettura ohra pparkjata . Is-sewwieq tal-vettura l-ohra induna bija u rabat il-brake izda ma rnexxielux jikkontrollaha ghal kollox tant li baqa' gej ghal go l-vettura tieghi .*

*Hbatna . Fil-mument ta' l-impatt il-vettura tieghi kienet waqfet waqt li l-ohra kien fadlilha certu speed sostnut . Dan jikkonfermah il-fatt li bid-daqqa l-vettura tieghi ggenbet ghal fuq in-naha tax-xellug*…." .[1]

Il-konvenut da parti tieghu stqarr illi :

"….. *Kont wasalt fil-parti fejn tidjieq it-triq .*

*Jiena kont ghaddej b'velocita' ta' madwar hamsin kilometru fis-siegha .*

*F'dak il-hin it-triq kienet relattivament vojta minn xi traffiku iehor . Jiena kont il-hin kollu ghaddej fuq il-karreggjata tieghi, kif anke jidher fl-iskizz .*

*F'daqqa wahda naf illi qrobt lejn karozza tat-tip Mini, … li kienet ipparkjata thares faccata tieghi fin-naha l-ohra tat-triq . Din lili ma kienet tikkrejali l-ebda ostakolu .*

1 Ara affidavit ta' l-attur a fol. 10 - 11 tal-process .

*F'daqqa wahda b'sahha minn wara l-Mini nara hierga l-vettura tal-attur …. Kien ghaddej b'certa speed . Sabiex jevita l-Mini dan it-trakk kiser ghal gol karreggjata tieghi .*

*Jidher illi kien dak il-hin li l-attur induna bija . Fil-fatt huwa zamm il-break immedjatament . Jien ukoll zammejt il-break, izda xorta ma rnexxilniex nevitaw il-habta . Il-habta saret fil-karreggjata tieghi . Fil-fatt id-daqqa tieghi kienet fuq in-naha ta' quddiem in-naha tax-xufier . Ma hux minnu li l-vettura tal-attur kienet wieqfa fil-mument tal-habta . La jien u lanqas hu ma konna weqfin .*

*Naf li hu prova jrekken fuq in-naha tieghu ghax rajtu, pero' ma setax jaghmel dan minhabba l-Mini . Huwa ghalhekk illi fuq l-iskizz il-vettura tal-konvenut spiccat imgennba ftit lejn ix-xellug, u mhux ghar-ragunijiet li allega l-attur.* [2]

Mill-okkorrenza relattiva jidher illi lis-surgent Josephine Camilleri, li nvestigat dan l-incident, *a tempo vergine* :

*"Zammit Haber stqarr li hu kien isuq fid-direzzjoni ta' l-Ghasri, naqqas mis-sewqan peress li kien hemm Mini pparkjata, ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta u baqghu dehlin f'xulxin .*
*…… Formosa stqarr li hu kien hiereg mill-Ghasri u ra vettura IBA 371 gejja mid-direzzjoni opposta, zamm il-brake, l-iehor baqa' gej u baqghu diehla f'xulxin."* [3]

Mill-iskizz redatt mill-istess surgent[4] jirrizulta illi :

1. il-vettura ta' l-attur halliet "*on the right hand side 6.8m brake marks that were dark, then 6.6m brake marks that were faint and 8.2m brake marks that were dark, to the total of 21.6m . On the left hand side it left 7m dark brake marks that were vizible, 9.1m that was unmarked and 5.6m dark brake marks*." Skond l-iskeda annessa mal-Highway Code, dan jindika illi l-attur kien ghaddej b'velocita' ta' circa 42 k.f.s . Il-fatt illi l-marki mhollija mir-roti ma kienux ta' l-istess kwalita', jista' jindika

[2] affidavit tal-konvenuta fol. 34
[3] okkorrenza fol. 27
[4] a fol. 30

zewg affarijiet : jew li kien hemm xi trab/zrar fit-triq li seta' fixkel l-irbit tal-*brake*, imma dan ma rrizulta mkien, la mill-iskizz u lanqas mid-depozizzjoni tal-partijiet, inkella li l-vettura ta' l-attur kellha l-*brakes* xi ftit difettuzi .

2. Id-direzzjoni ta' l-istess *brakemarks* tindika illi l-attur kien qala' mix-xellug u gibed ghal-lemin tat-triq sakemm spicca ghaddej prattikament *on the crown of the road*; fl-ebda mument sal-habta ma bidel din id-direzzjoni . Ghalhekk spicca angolat aktar lejn ix-xellug tieghu u kwazi jmiss mal-karozza pparkjata, bid-daqqa li qala' fuq il-gemb mill-vettura tal-konvenut .

3. Fil-gemb tat-triq in-naha tax-xellug ta' min ikun diehel lejn il-pjazza hemm vettura pparkjata 0.50m 'l barra fit-triq .

4. It-truck tal-konvenut halla 24.70m *brake marks* fuq in-naha tax-xellug tieghu, mentri kien hemm biss 14.90m *brakemarks* fuq in-naha tal-lemin . Fin-nuqqas ta' trab/zrar fit-triq, dan ukoll jindika difett fil-*brakes* tal-vettura tieghu . Skond l-iskeda msemmija, jidher illi l-konvenut kien ghaddej b'velocita' ta' madwar 60 k.f.s.

5. It-truck tal-konvenut kien maqlugh ftit aktar minn metru 'l barra mit-tarf tat-triq fuq in-naha tax-xellug tieghu .

Mill-estratt mis-*survey sheet* tal-lokal esebita mil-attur,[5] jidher illi fejn sehhet il-habta, it-triq tidjieq ghal min ikun gej min-naha tal-pjazza . Hemm ukoll kisra lejn ix-Xlokk li tista' xi ftit jew wisq ittellef il-vizwali ta' vetturi gejjin minn direzzjoni opposta ghal xulxin .

F'tali cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi ghal dan l-incident stradali jahtu z-zewg sewwieqa nvoluti ndaqs, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. iz-zewg vetturi jidher illi kellhom is-sistema tal-*brakes* difettuza u ma torbotx sew ;

2. madankollu hadd minnhom ma ha l-prekawzjonijiet sabiex isuq b'aktar prudenza ;

[5] a fol. 12 tal-process

3. infatti l-attur kien ghaddej bi ftit aktar mill-velocita' massima konsentita ghall-vetturi kummercjali tat-tip taghhom fl-abitat[6], filwaqt illi l-konvenut kien issupera sew dan il-massimu ;

4. ukoll minhabba l-kisra li kien hemm f'dik il-parti tat-triq, li kienet tostakolalhom il-vizwali fit-tul, it-tnejn kellhom joqghodu aktar attenti ghat-traffiku li seta' kien gej mid-direzzjoni opposta u ghalhekk inaqqsu mill-velocita' li kienu ghaddejjin biha; infatti t-tnejn inhassdu u ma kellhomx hin bizzejjed jiehdu *evasive action* adekwat ;

5. hadd mis-sewwieqa ma kien qed izomm kemm jista' jkun lejl ix-xellug tieghu; l-attur spicca addirittura fin-nofs tat-triq, naturalment kien hemm il-karozza pparkjata li tefghetu xi ftit jew wisq 'l barra, imma madankollu ma kellux ghalfejn johrog 'l barrra daqshekk; minn naha l-ohra l-konvenut ukoll kellu ferm aktar fejn igenneb (metru shih), imma ghazel li jibqa' ghaddej bl-istess mod li kien miexi qabel meta kien ghadu f'parti aktar wiesa tat-triq .

L-attur qed jirreklama in linea ta' danni subiti fil-vettura tieghu s-segwenti:

1. ghal *spare parts* li kien mehtieg li jinbidlu : Lm155.00 +
2. ghax-xoghol tal-*panel beater* : Lm155.25 ;

total ta' Lm310.25.

Il-konvenut mhux jikkontesta din l-ispiza nvoluta fit-tiswija tal-vettura ta' l-attur,[7] u ghalhekk billi l-htija ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza giet allokata ndaqs liz-zewg sewwieqa nvoluti, l-attur ghandu dritt jirreklama minghand il-konvenut nofs biss minn dan l-ammont, u cioe' s-somma ta' mija hamsa u hamsin lira maltija u tnax il-centezmu .

---

[6] Rule 105 tal-Highway Code .
[7] ara verbal tal-partijiet tas-27.3.2003 .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tiddikjara liz-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident stradali mertu ta' din il-kawza ugwalment responsabbli ghalieh, tillikwida d-danni kagunati fil-vettura ta' l-atturi fl-ammont ta' Lm310.25, tiddikjara illi l-ammont dovut mill-konvenut lill-atturi in linea ta' danni subiti fil-vettura taghhom per konsegwenza ta' l-istess kollizjoni fis-somma ta' mija u hamsa u hamsin lira maltija u tnax-il centezmu (Lm155.12) u tordna lill-konvenut ihallas l-istess somma lill-atturi .

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .
S15097Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------